# Santa Tereża ta' Ġesù

## *Il-kontemplazzjoni fit-tieni nofs tal-Kastell Interjuri*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Ir-ruħ li tasal fir-raba' għamajjar tintebaħ bil-preżenza u s-sinjali "sottili" (4Għ 1:2, 2:6) ta' Alla. Iż-żmien li r-ruħ tqatta' f'dawn ir-raba' għamajjar huwa kkaratterizzat minn żmien ta' paċi interjuri li jħejji lir-ruħ għall-prova l-kbira li hemm tistennieha fl-għamajjar li jmiss. Iżda għalissa r-ruħ tħossha fil-paċi. Il-qaddisa tispjega li f'dal-punt l-axxeżi tiltaqa' mal-mistika, "in-naturali jiltaqa' mas-sopranaturali" (4Għ 3:13). Fi kliem ieħor, ir-ruħ li tant ħadmet biex timxi 'il quddiem fil-kastell interjuri u tasal sar-raba' għamajjar, issa tibda tirċievi - mingħajr ebda sforz tagħha - sinjali żgħar li bihom Alla jżur ir-ruħ iktar dirett. Il-qaddisa titkellem minn ċerta "kuntentizza" li tibda tħoss ir-ruħ, naturali wara "l-ħidma tajba li tkun wettqet." Dan it-tip ta' ferħ il-qaddisa ssejjaħlu "il-ħlewwa tat-talb" (4Għ 1:4). Iżda dan il-ferħ huwa uman u allura limitat. Bi grazzja ta' Alla, ir-ruħ tibda tħoss ukoll "konsolazzjoni," jiġifieri, "ferħ li ġej minn Alla," li "mhux neċessarjament iferfer il-qalb," u li "pjuttost tħoss diqa ta' qalb għall-passjoni u l-mewt li kellu jbati Sidna Ġesù." Il-konsolazzjoni vera, tgħidilna l-qaddisa, dik li ġejja minn Alla, hija "s-sogħba għad-dnubiet li nwettqu, hija li bl-umiltà vera r-ruħ tagħraf li mhijiex bilfors aktar qaddisa għax jiġuha dawn il-ħsibijiet qaddisa" (4Għ 1:4-6). Is-sigriet li jagħti lir-ruħ paċi interjuri aktar soda minn qatt qabel hija l-imħabba. "Nixtieq biss navżakom li min jixtieq jimxi 'l quddiem u jilħaq l-għamajjar li jixtieq, għandu aktar milli jaħseb, iħobb ħafna." L-imħabba, tkompli l-qaddisa, hija "determinazzjoni determinata li nogħġbu lil Alla f'kollox, billi nevitaw dak kollu li joffendi l-Maestà Tiegħu, u billi nitolbu għall-akbar glorja ta' Ibnu u tal-Knisja Kattolika" (4Għ 1:7). Jekk tant huma l-konsolazzjoni u l-paċi interjuri, daqstant ieħor kbar huma l-qawwiet tal-ħażen. Hemm wisq x'jista' jtellef lir-ruħ milli timxi aktar 'il quddiem u tkompli l-vjaġġ tagħha lejn iċ-ċentru. Il-qaddisa ssemmi diversi perikli, pereżempju li r-ruħ twaqqaf il-meditazzjoni (4Għ 3:7) u t-talb (4Għ 3:9), il-kburija u l-vanaglorja (4Għ 3:11), u, fl-aħħar nett, l-għażż, it-telfien tal-kontroll tagħna nfusna u li r-ruħ titħalla tinġarr mill-emozzjonijiet (4Għ 3:11). Bħala rimedju, il-qaddisa tirrakkomanda t-talb tal-kwiet. Fil-kwiet, ir-ruħ tibqa' tfittex lil Alla u issa, aktar minn qabel, tibda aktar u aktar ma tifhimx fejn qiegħed. Għalhekk tabbanduna ruħha fl-imħabba tiegħu (4Għ 3:7), l-attakki tal-ħażen ma jbeżżgħuhiex għax, flok ibegħduha, iressquha aktar viċin t'Alla, issir tafda aktar fih u tieħu kollox fuqha kollha paċenzja (ara 4Għ 3:8).

B'hekk ir-ruħ tidħol fil-ħames għamajjar fejn tibda tgawdi għaqda akbar fit-talb m'Alla. Ir-ruħ issa hija "rieqda għaliha nnifisha u għad-dinja" (5Għ 1:3) għaliex ir-rieda tagħha hija biss dik li togħġob lil Alla. Iktar ma tersaq viċin iċ-ċentru, tħoss "elf nuqqas" (5Għ 1:5) imma fl-istess ħin taf fiċ-ċert li l-Għarus żarha fit-talb u li huwa fil-qrib (5Għ 1:8-9). Fil-fatt, huwa biss wara vjaġġ twil ta' ħidma fuqna nfusna u kooperazzjoni sħiħa u libera mal-grazzja t'Alla li l-qaddisa issa tħeġġeġ lil ħutha fil-komunità jitolbu d-don tal-għaqda mistika, "li nduqu l-ġenna minn issa" (5Għ 1:2). Il-vjaġġ fil-kastell interjuri l-qaddisa issa ssejjaħlu wkoll "it-triq għall-ġenna" (5Għ 3:1). Madanakollu, it-twissija tal-qaddisa hija ċara, "huwa biss daqskemm tfittxu li sejrin issibu l-premju" (5Għ 1:3). U l-premju huwa ż-żjara t'Alla. "Timmaġinawx li din iż-żjara għandha x'taqsam mal-ġisem bħalma Sidna Ġesù huwa preżenti f'Ġismu u Demmu fl-Ewkaristija Mqaddsa" (5Għ 1:9). Għalkemm din iż-żjara t'Alla hija qasira ferm (5Għ 4:2), l-aktar sinjal ċert li r-ruħ bdiet tgawdi mill-għaqda mistika huwa kemm twettaq fil-prattika l-kmandament

tal-imħabba li ħallielna Ġesù, jiġifieri li nħobbu lilna nfusna u lil xulxin bħalma ħabbna hu (5Għ 3:7). L-għaqda m'Alla ma tfissirx li r-ruħ għandha tinqata' minn dak li hu uman – li t-telfa ta' missier jew xi aħwa ma taffettwaniex – u lanqas tfisser li għandha ġġorr is-salib u l-mard tagħha bil-ferħ (5Għ 3:7). L-għaqda m'Alla ma tfissirx devozzjonijiet vojta imma opri ta' mħabba. "Jekk tara lil oħtok li qed tbati, tibżax li se titlef id-devozzjoni, uri kompassjoni magħha, jekk tħossha muġugħa, ħoss l-uġigħ daqslikieku kien tiegħek, sum biex tkun tista' tiekol hi. Dan li tfisser l-għaqda tar-rieda tagħna ma' dik t'Alla ... ifraħ għall-virtujiet li tara fiha" (5Għ 3:11). Għaldaqstant tkompli, "itolbu lill-Mulej għall-imħabba perfetta lejn ħutkom u ħallu l-bqija għalih ... insew l-interessi tagħkom, aqsmu l-piżijiet tagħhom biex tħaffuhom minnhom ... aħsbu fil-piż kbir li ġarr l-Għarus għalina" (5Għ 3:12).

L-aħħar żewġ għamajjar imbagħad – is-sitta u s-seba' – huma kkaratterizzati minn għaqda dejjem iżjed soda mar-rieda divina. Aktar milli l-ħidma tal-bniedem – għalkemm għall-qaddisa, il-kooperazzjoni umana mal-grazzja divina tibqa' sal-aħħar is-sinjal l-iktar żgur tal-awtentiċità tal-vjaġġ (ara 7Għ 4:10) –, f'dawn il-qċaċet tal-ħajja spiritwali tispikka l-gratitudni għall-ħidma kollha ħniena ta' Alla, l-umiltà (6Għ 1, 7Għ 4:22), ix-xewqa dejjem iżjed safja u diżinteressata għal Alla (6Għ 2, 4, 11, 7Għ 3:4), il-konformazzjoni sħiħa mal-umanità ta' Kristu (6Għ 7-9), it-trasformazzjoni tar-rieda umana f'dik ta' Alla (7Għ 3:1, 4:3,11), il-qalb midruba bl-imħabba divina (7Għ 3:12, 4:13), u l-abitazzjoni ta' Alla nnifsu fiċ-"ċentru profond" tar-ruħ (7Għ 1:6,9). Minħabba l-istat għoli ta' dawn l-għamajjar, il-qaddisa tirrakkomanda – flimkien ma' "konfessur kemm mgħallem u kemm qaddej tal-Mulej" (6Għ 3:18) – dixxerniment għaqli biex ir-ruħ tagħraf x'inhu ġej minn Alla u x'mhuwiex. Pereżempju jista' jkun li r-ruħ timmaġina li qed tara jew tisma' ħwejjeġ sopranaturali (6Għ 3:2), jew jista' jkun li r-ruħ titkabbar bil-grazzji li tirċievi (6Għ 3:5). Fil-fehma tal-qaddisa, is-sinjali l-aktar ċerti li dawn il-grazzji ġejjin minn Alla huma: li l-Kelma t'Alla hija wkoll attiva, toħroġ lir-ruħ mill-għomma u l-inkwiet (6Għ 3:7-9), il-paċi tal-qalb (6Għ 3:10), li dawn il-grazzji ma jintesew qatt (6Għ 3:11), li r-ruħ tippreferi tbati milli ma tkomplix fil-vjaġġ (6Għ 3:15), kif ukoll il-ferħ interjuri (6Għ 3:16).

L-iktar frażi rripetuta fl-Għamajjar hija, "Jalla dan ikun jogħġob lil Alla". Kif inhu tipiku fil-kitba tagħha, il-qaddisa kostantement tibdel lil min qiegħda tindirizza; iddur il-ħin kollu bejn ħutha s-sorijiet u Alla. U dan m'għandux jissorprendina, speċjalment wara li rajna l-elementi essenzjali tal-vjaġġ Tereżjan lejn il-qalb tal-Kastell Interjuri. Alla u l-proxxmu: dawn huma ż-żewġ imħabbiet kbar ta' Tereża, imħabba waħda twassal u tikkonferma l-oħra, waħda ma teżistix mingħajr l-oħra. Dan huwa l-messaġġ dejjem rilevanti tal-qaddisa: Ħobb lil Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu u ħobb lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek (ara Dt 6:5, 10:12, Lev 19:18, Ġoż 22:5, Mt 22:37-39, Mk 12:30-31, Lq 10:27, Kol 3:14, 1 Ġw 4:4-12, Ġk 2:8, 1 Pt 1:22).

